**A.L. 104 ta' l-2005**

## ATT TA' l-2003 DWAR L-UNJONI EWROPEA (ATT. NRU. V TA' L-2003)

## Ordni ta' l-2005 dwar ir-Ratifika tal-Konvenzjoni dwar l-Elaborazzjoni tal-Farmakopea Ewropea

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 2 ta' l-Att ta' l-2003 dwar l-Unjoni Ewropea, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għamel dan l-Ordni li ġej:-

**1.** It-titolu ta' dan l-Ordni hu Ordni ta' l-2005 dwar ir-Ratifika tal-Konvenzjoni dwar l-Elaborazzjoni tal-Farmakopea Ewropea. Titolu.

**2.** F'dan l-Ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma titlobx xort'oħra: Tifsir.

"l-Att" tfisser l-Att ta' l-2003 dwar l-Unjoni Ewropea;

"il-Konvenzjoni" tfisser il-Konvenzjoni mniżżla fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Ordni;

"it-Trattat" għandha l-istess tifsira mogħtija fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 2 ta' l-Att.

**3.** Il-Konvenzjoni li hemm fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Ordni għandha titqies bħala ħaġa waħda mat-Trattat. Ratifika tat-Trattat Speċifiku ħaġa waħda mat-Trattat.

SKEDA

(Artiklu 3)

1. Il-Konvenzjoni dwar l-Elaborazzjoni ta' Farmakopea Ewropea.